## 1921

*Lil Ħuti l-Maltin*
*Nhar l-Għoti tal-Kostituzzjoni* *

Qum mill-ħedla li 'l qalbek mewtitlek
Ġens ta' ħila, ta' għaqal, ta' ġieħ;
Poplu Malti, x-xemx telgħet, sejħitlek;
Aqbad triqtek lejn xefaq sabiħ.

Ma tħosshiex ġewwa sidrek il-mewġa
Ta' demm ġdid li f'saħħitha ssaffik?
Ma tħosshiex tilgħab f'wiċċek il-fewġa
Tal-Ħelsien li ħajja oħra tagħtik?

Dan hu l-jum u din is-siegħa:
Issir l-għaqda, jsir il-patt:
'K ma taqbdux fil-ħarba tiegħu,
Dan iż-żmien ma jarġa' qatt.

Kisser l-għodda tal-għira ġellieda,
Iftaħ qalbek għall-kelma tas-sliem:
Għalenija, m'hemmx ifrem mir-rieda,
Iżda mqassma, tintilef fil-kliem.

Għandek mera fil-ljuni qalbiena
Illi tqabdu mal-Mislem magħdub:
Kienu ftit, u kien għadu bla ħniena,
Iżda rebħu bil-għaqda tal-qlub.

Dan hu l-jum, eċċ.

Ta' ġrajjietek il-mixja rebbieħa
Qatt la tikser, taħt l-ebda nirien:
Ward u Ġilju l-Bandiera sabieħa
Illi s-Sema ħatarlek fiż-żmien.

Irfes, kisser kull wegħda qarrieqa;
Dak il-Ward dak il-Ġilju tibdlux:
Inti ġawhra fuq l-isbaħ ħannieqa;
Fl-Isem t'Alla, l-Jedd tiegħek tiċħdux.

Dan hu l-jum, eċċ.

DUN KARM.

* Dan l-innu kellu jiġi mqiegħed fil-mużika għal dik il-ħabta. Il-mużika ma saretx u l-innu baqa' u ma deherx. Min jaf jekk ikunx jiswa fli ġej?

D. K.

# IS-SAĦĦAR MANFRE

*Il-ħabrieki Dr. Ġwanni Cremona, fost il-karti li ħalla il-kittieb malti F. G. Bonumico—wieħed mill-ewlenin li kiteb bil-Lsien Malti u għaref tassew — sab tagħrif, li sal-lum ħadd ma kien jaf bih, dwar wieħed Malti li bil-praspar tiegħu kien għaġġeb mhux biss nies ta' l-ebda għerf imma kbarat imsemmija fl-Ewropa, kif taqraw iktar il-quddiem. Billi Dr. Cremona kiteb fit-tul u bl-ingliż, aħna hawnhekk sejrin naqilbu fil-qosor il-ġrajjiet li għarrafna bihom fuq dan* "is-Saħħar Malti".

BONAMICO, mela, li kien dar tista' tgħid l-Ewropa kollha xi tliet mitt sena ilu, darba rnexxielu jiltaqa' f'Pariġi ma' Bjaġju Manfrè, Malti bħalu u li fuqu kien jaf xi ħaġa milli kien kiteb wieħed tabib u filosofu kbir tad-Dani-marka fi ktieb li kien ħareġ fuqu. Dan l-imbierek ta' Manfrè, li ismu kien ixxerred ma' kullimkien u kien imgħoddi bħala "is-saħħar Malti"—kien ilu nieqes minn Malta fuq ħamsa u tletin sena. Huwa kien twieled il-Birgu, meta kien jaħkem il-Grammastru Wignacourt, jiġifieri fis-sena 1620.

Mill-Birgu kien ġiè joqgħod il-Belt, in-naħa ta' Sant'Jiermu, fejn kien għad għandu xi nies jiġu minnu. Manfrè kien ukoll suldat, u jgħidu li kien tqabad bosta drabi mal-Misilmin u baħħar mhux ftit.

* * *

Huwa ntebaħ li kien jista' jistagħna b'ħaġa tassew tal-għaġeb li tatu n-natura. Kellu l-ħila li jixrob minn ħamsin sa sittin tazza ilma wara xulxin, quddiem kulħadd, imbagħad jiftaħ ħalqu u wara li jkun ħasel it-tazzi ta' sikwit, biex juri li kull ma qed jagħmel huwa minnu u bla qerq, kien jarġa' jimla it-tazzi f'dak l-ilma minn għajn li ħierġa minn ħalqu b'saħħa kbira; mhux biss iżda kien jimla t-tazzi b'inbid, birra u likuri oħra ta' lewn u togħma li ma tistax ixxebbahhom.

Drabi kien jitfa' minn ħalqu bħal tliet egħjun ta' żejt, inbid u ħalib jew likuri oħra, ħlewwiet, żejt-il-ward, ilma żgħar u fwiħat, li bihom kien ixarrab l-imkatar ta' dawk ta' madwaru. Drabi oħra kien jitfa' minn ħalqu boqqa brandy